MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1020/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Jonathan Curmi**

**- omissis -**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Curmi detentur tal-karta tal-identita` numru 288692(M).

Akkuzat talli:

1. Fis-26 t'April, 2014 ghall-habta tal-16:00hrs gewwa Hal-Far ikkommetta serq ta' oggetti mill-fabbrika Alexander Aluminium sitwata gewwa Hal-Far ghad-detriment tal-Malta Industrial Parks, liema serq hu aggravat bil-mezz;
2. Aktar talli bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta' tal-istess Malta Industrial Parks.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tittrata mal-imputat Jonathan Curmi bhala wiehed li sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr F Depasquale LL.D., nhar it-30 t'April, 2013 – omissis-

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u li r-res furtiva giet ritornata, u

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Ghal dawn il-motivi u stante ammissjoni mill-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun

jista' jirregola ruhu, wara li rat l-Artikoli 263(a), 266(1), 278 , 340 (d), 264(1) u 278(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Jonathan Curmi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghal seba' (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) li f'dan it-terminu ghandu wkoll ikun hemm Supervision Order minn probation officer imqabbad apposta mid-Directorate Probabtion Services.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Ordni ta' Supervisjoni annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------